MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF
MICHAEL MALLIA**

Seduta tat-2 ta' Frar, 2012

Appell Kriminali Numru. 99/2011

**Il-Pulizija
(Spt. Anthony Agius)
Vs
Ruth Vella nee` Scicluna**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellanti quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli bhala direttur tal-kumpanija euromed Support-Systems Limited (C 37748) ghas-sena 2009, naqset li tibghat il-formoli tat-taxxa skont id-disposizzjonijiet tar-regoli msemmija fis-subartikoli (1) u (2) tal-artikolu 23 tal-Kap. 372 kif ukoll fir-regoli tal-1998 dwar Final Settlement System (FSS) A.L. 88 tal-1998 mahruga ai termini tal-hawn fuq imsemmi artikolu 23 naqset milli thares id-disposizzjonijiet ta' dawk ir-regoli.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tal-25 ta' Frar, 2011, li biha, wara

li rat l-artikoli 18 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta u 23(1)(2) tal-Kap. 372 tal-Ligijiet ta’ Malta kif ukoll ir-regolamenti 15, 20, 21(1) ta’ l-Avviz Legali 88 tas-sena 1998, sabet lill-appellanti hatja ta’ l-imputazzjoni migjuba kontra taghha w ikkundannatha ghal hlas ta’ multa ta’ hames mitt Euro (€500). In vista tal-fatt li l-appellanti m’ghadiex tirraprezenta lis-socjeta` Euromed Support – Systems Limited mhux il-kaz li tigi imposta multa addizjonali.
Il-Qorti spjegat lill-appellanti ai fini ta’ l-artikolu 49(2) tal-Kap. 372 tal-Ligijiet ta’ Malta li jekk fi zmien hames snin jerga` jinstab hati ta’ xi reat taht xi wahda mid-disposizzjonijiet ta’ l-Atti dwar it-Taxxi (sew jekk ta’ l-istess xorta sew jekk le) tinghata sentenza, b’zieda ma kull piena ohra, ta’ mhux inqas minn tlett ijiem prigunerija, u hekk misjuba hatja ghat-tieni darba w wara, matul l-imsemmija hames snin, minkejja kull id-disposizzjonijiet ta’ l-Att dwar il-Probation jew f’xi legislazzjoni ohra, tinghata sentenza ta’ prigunerija ghal zmien ta’ mhux inqas minn tlett ijiem, b’zieda ma’ kull piena ohra hlief ghal prigunerija ghal zmien itwal.

Rat ir-rikors tal-appellanti minnha pprezentat fl-1 ta’ Marzu, 2011, li bih talbet li din il-Qorti joghgobha tirriforma s-sentenza appellata, billi tikkonfermaha in kwantu din illiberat lill-appellanti mill-impozizzjoni ta’ penali sakemm is-socjeta` inkriminata tikkonforma mal-ligi, u dana minhabba li l-appellanti m’ghadiex direttur tal-istess socjeta` u thassar u tirrevoka s-sentenza appellata in kwantu din sabet lill-appellanti hatja skon dl-akkuza, w tilliberaha minn kull htija w piena.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellanti esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravji tal-appellanti huma s-segwenti w cioe':-

Ir-rapprezentant tar-Registratur tal-Kumpaniji kkonferma illi tassew l-appellanti kienet irrizenjat minn direttur tas-socjeta` inkriminata fl-4 ta’ mejju, 2009.

Ix-xhud kunjomu Delmar (ismu mhux maghruf) li xehed ghan-nom tad-dipartiment, qal illi l-akkuza kienet tirirgwarda n-nuqqas tas-socjeta` inkriminata li tibghat il-formoli annwali tal-Final Settlement System ghas-sena 2009. Mistoqsi meta kien jiskatta l-obbligu ghall-prezentata tal-imsemmija formoli, huwa xehed illi dan il-perjodu kien jaghlaq fil-15 ta' Frar, 2010 cioe` hafna xhur wara illi l-appellanti kienet irrizenjat minn direttur tas-socjeta` inkriminata.

Mistoqsi jekk matul is-sena 2009 kienux intbaghtu formoli mensili u pagamenti huwa qal li iva, izda ma kienx kapaci jghid ta' liema xhur. Mistoqsi fid-dettall ix-xhud ukoll stqarr illi huwa ma kellux lista tal-impjegati li allegatament fir-rigward taghhom kellhom jintbaghatu l-formoli, u liema minn dawn kienu ghadhom impjegati tas-socjeta` inkriminata meta l-appellanti kienet ghada direttur.

Il-prosekuzzjoni hija mehtiega illi tipprova l-elementi kollha tar-reat allegat. Fil-kaz prezenti, mhux biss kellha tipprova illi l-appellanti kienet f'xi zmien direttur tas-socjeta` inkriminata izda kellha qabel xejn tipprova li dik is-socjeta` kienet timpjegat n-nies, min kienu, u x'formoli intbaghtu fir-rigward ta' kul wiehed/wahda minnhom, u ghall-liem xhur jew perjodi tas-sena 2009, u ghal liema xhur ma ntbaghtux. Dan kollu jrid jigi ppruvat sabiex il-prosekuzzjoni tistabilixxi l-htija ghal dan ir-reat.

Huwa wisq evidenti illi minn dan kollu ma gie ppruvat xejn hlief illi l-appellanti kienet direttur tas-socjeta` inkriminata, sal-4 ta' Mejju, 2009. Ma saret l-ebda prova mix-xhud dear liema impjegati kellhom jintbaghtu l-formoli fiskali. Huwa qal biss illi l-formoli annwali li kienu jaghalqu fi Frar 2010 ma ntbaghtux. Dan gja ma hux bizzejjed sabiex jikkonfigura r-reat ipotizzat fil-komparixxi. Izda fl-aghar ipotezi ghas-socjeta` inkriminata jista` biss iwassal ghall-htija ta' minn kien ghadu direttur taghha fil-15 ta' Frar, 2010, u cioe` zgur mhux l-appellanti. Ix-xhud ma semma` xejn dwar formoli mensili jew in-nuqqas taghhom matul is-sena 2009 hlief illi kienu ntbaghtu xi uhud minnhom, relattivi ghal xhur mhux specifikati fl-istess 2009.

F’dan il-kwadru huwa impossibbli li l-Ewwel Qorti setghet qatt sabet illi jirrizulta illi matul il-perjodu minn Jannar sa Mejju 2009, hi kellha prova li ma ntaghtux il-formoli mensili, meta

A) ix-xhud tad-dipartiment ma semma` xejn dwar formoli mensili u

B) fi kwalunkwe kaz dan kelluj ghid il-formoli ta’ liema xhur fir-rigward ta’ liemaimpjegati (bi prova li dawk l-impjegati kienu ghadhom impjegati_ kienu neqsin u

C) meta l-istess xhud qal illi d-dipartiment kien ircieva numru ta’ formoli mensili f’dik is-ssena.

Huwa ghal kollox evidenti illi l-Ewwel Qorti fehmet ghal kollox hazin dak li ntqal quddiemha, w naturalment, fuq ftiehem zbaljat, l-apprezzament ma jistax ikun hlief daqstant zbaljat.

Ghal dawn il-motivi jidher ovvju illi s-sentenza appellata hi zbaljata fil-fatt u fid-dritt.

Ikkunsidrat:

Irrizultat mill-provi illi l-appellanta kienet direttur tas-socjeta Euromed Support Systems Limited (C3348) izda irrizenjat fl-4 ta’ Mejju ta l-2009. F’din il-kawza qed tigi addebitata li naqset li tibghat il-formoli tat-taxxa skond id-dizpozizzjonijiet tar-regoli msemmija fis-Sub 1 u 2 ta’ l-Artiku 23 tal-Kap 372 kif ukoll id-dokumenti dwar il-“final settlement system” skond l-avviz legali 88/1998.

Delmar Joseph, inraprezentanza tal-Kummissarju tat-Taxxi Interni, spjega lil Qorti illi minkejja li saru xi pagamenti mis-socjeta fuq imsemmija, dokumenti baqghu ma dahlux ghalhekk id-dipartiment ma jistax jghid jekk l-ammonti imhallsa humiex korretti jew le. Spjega ukoll illi d-denunzja annwali maghrufa bhala FS 7 u FS 3 ghas-sena 2009 kellhom jigu pprezentata sal-15 ta’ Frar ta l-2010. Dan gghal lil l-appellanta targumenta illi meta hija rrizenjat fl-4 ta’ Mejju ta l-2009 it-terminu ghal prezentata tad-dokumenti annwali ma kienx ghadu ghadda u meta dan skatta fil-15 ta’ Frar ta’ l-2010 hi ma kinetx ghadha direttur u ghalhekk ma kellha l-ebda kontroll fuq l-operat

tal-kumpanija u ma kinetx f'pozizzjoni li tipprezenta d-dokumenti.

Ikkunsidrat:

Ghal dak li jirrigwarda l-prezentazzjoni tad-dokumenti annwali l-appellanta jidher illi ghandha ragun. L-Artiklu 23 (12) tal-Kap 372 moqri flimkien mas-Sub Artiklu (13) jiprovdi illi r-reat jibqa' jezisti sakemm min jaghmel ir-reat ikun ikkonforma ma' u hares id-dizpozizzjonijiet ta' dan l-Artiklu jew ta' kull regola msemmija fih. Dan l-Aritklu baqa' jigi interpretat fis-sens illi 'min jaghmel ir-reat…' m'hijiex qed tirreferi ghal xi kariga partikoli izda jibqa' responsabbli rrespettivament jekk ikunx ghadu fil-kariga jew le. F'dan il-kaz pero, l-appellanta ma kinetx ghadha fi stat ta' ksur tal-Ligi meta hija rrizenjat fl-4 ta' Mejju ta' l-2009 peress illi d-dokumenti annwali ta' dik is-sena 2009 kellhom jigu prezentati sal-15 ta' Frar ta' l-2010. Min kien responsabbli ghal-kumpanija f'din id-data kien fi ksur tal-Ligi, ghal dak li jirrigwarda d-dokumenti annwali. U zgur illi l-appellanta ma kinetx responsabbli ghal kumpanija fil-15 ta' Frar ta' l-2010. Quindi ma setghetx tigi meqjusa bhala l-persuna illi "ghamel ir-reat" fid-dispost ta' l-Artiklu 23 tal-Kap 372. M'hux l-istess pero ghal dak li jirrigwarda d-dokumenti mensili. Dawn il-formoli ghandhom jintbghatu lil Kummissarju tat-Taxxi Interni sa l-ahhar tax-xahar ta' wara. Irrizulta illi 9 minn 12-il denunzja mensili (FS 5) ghas-sena 2009 baqghu ma ntbaghtux. L-appellanta baqghet responsabbli ghal kumpanija ghal hames xhur fis-sena 2009 mentri dik is-sena irrizulta li ntbghatu tlett denunzi mensili. Ma rrizultax pero ghal liema xhur dawn id-denunzji intbghatu. Hu x'inhu dan ipoggi lil l-appellanta fi ksur tal-Ligi u l-ewwel Qorti kellha raguni meta kkonkludiet illi l-appellanta kienet ghadha direttur fil-perjodu meta kellhom jintbghatu uhud mid-dokumenti mensili (FS 5) illi baqghu ma ntbghatux.

Hu ben saput li l-Qorti ta' l-Appell Kriminali ma tirrimpjazzax id-deskrizzjoni fl-apprezzament tal-provi ezercitata mill-ewwel Qorti izda taghmel apprezzament approfondit ta' l-istess biex tara jekk dik l-ewwel Qorti kinetx ragonevoli fil-konkluzzjoni taghha. Din il-Qorti

ghamlet dan l-apprezzament approfondit u issib li l-ewwel Qorti setghet ragonevalment u legalment tasal ghal konkluzjoni li waslet ghaliha.

Ghal dawn il-motivi il-Qorti taqta’ u tiddeciedi li tichad l-appell u tikkonferma is-sentenza appellata.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------